**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 291/13**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Raymond Demicoli**

Illum, 1 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Raymond Demicoli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 780252M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bħala direttur tal-kumpanija Lapsi Holdings Limited (C17868) għas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, naqas li jibgħat il-formuli tat-taxxa skond id-dispozizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikolu (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23, naqas milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Ġunju 2013, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in kwantu tirreferi għan-nuqqasijiet tas-soċjeta' Lapsi Holdings sal-21 ta' Diċembru 2021 u kkundanatu multa' ta' erba' mitt Ewro (€400) u multa addizzjonali ta' sebgħa Ewro (€7.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza. Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta li jekk fi żmien ħames snin jerġa jinsab ħati ta' xi reat taħt xi waħda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tingħata sentenza, b'żieda ma' kull piena oħra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem priġunerija, u hekk misjub ħati għat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija ħames snin, minkejja kull disposizzjoni ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi leġislazzjoni oħra, jingħata sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'żieda ma' kull piena oħra ħlief għal priġunerija għal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant, Raymond Demicoli, ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2013, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar it-28 ta' Lulju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju vventilat minnu, l-appellant jisħaq li l-akkuża kif ifformulata fil-konfront tiegħu hija nulla u dana għaliex ma hemmx indikazzjoni preċiża tal-liġi li abbażi tagħha huwa qed ikun mixli meta ma kienx indikat illi l-Kapitolu 372 huwa dak kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, jibda biex jingħad illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 360 ta' Kodiċi Kriminali fis-sub-inċiz tnejn (2) tiegħu ma jindikax bħala wieħed mir-rekwiżiti essenzjali taċ-ċitazzjoni, indikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-liġi li fuqhom tkun imsejsa l-akkuża u dan meta hemm hekk dispost:

> **"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtiegu jew li jkunu jistgħu jingħataw.**
>
> **Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."**

Illi minn qari tat-taħrika maħruġa fil-konfront ta' l-appellant jemerġi illi kien hemm adeżjoni sħiħa ma' dan id-dispost tal-liġi u dan għaliex ma hemm ebda dubbju dwar l-identita' tal-persuna akkużata, kif lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat li bih jinsab mixli u b'indikazzjoni ċara tal-partikolaritajiet ta' żmien u ta' lok li fihom allegatament kien kommess ir-reat. Dan ifisser illi l-ilment tal-appellant illi hemm nullita' fiċ-ċitazzjoni billi fiha hemm nieqsa ndikazzjoni ċara li l-Kapitolu 372 li fuq hija msesjsa l-akkuża jaqa' taħt il-Kapitoli tal-Liġijiet ta' Malta, huwa għal kollox infondat.

Illi, huwa indubitat illi l-funzjoni taċ-ċitazzjoni kien eżawrit meta l-appellant ingħata avviz għad-dehra tiegħu fil-qorti sabiex iwieġeb għall-allegati fatti inkriminatorji ndikati fiha. Dan ifisser illi huwa ingħata idea ċara ta' biex inhu akkużat b'mod tali allura li kellu kull opportunita' iħejji adegwatament id-difiża tiegħu.

Illi, f'sentenza mogħtija minn din l-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg</u>" fil-25 ta' Lulju 1994, intqal hekk –

> **L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**

> ***'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761).**

Il-liġi, għalhekk, ma tqiegħed ebda obbligu fuq il-Proskeuzzjoni li tindika fiċ-ċitazzjoni l-kapitolu tal-liġi jew id-dispozizzjonijiet ta' l-istess li jinkorporaw fihom ir-reat/i addebitat/i lill-imputat. Jikkonsegwi li ċ-ċitazzjoni odjerna ma tistax titqies li hija monka u legalment invalida, u għaldaqstant l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tieni aggravju mqanqal mill-appellant huwa essenzjalment marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta jilmenta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi u ċioe' mingħajr dubbju dettat mir-raġuni. Illi sabiex jkun indirizzat dan l-ilment il-Qorti mhux biss eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti quddiem l-Ewwel Qorti, iżda ukoll kellha l-opportunita' li tisma mill-ġdid x-xhieda issa fi stadju tal-appell fejn seħħew xi żviluppi li jistgħu ikollhom piż fuq id-deċiżjoni aħħarija tagħha.

Illi, dak li jemerġi mill-atti bħala fatt inkontestat huwa illi l-appellant kien wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' bl-isem "*Lapsi Holdings Limited*" (C17868) u dana mis-sena 1995 sas-sena 2001. Jirriżulta ukoll li dina l-istess soċjeta' kellha tlett *PE (Private Employees) numbers*, senjatament:

- 708778 li ġie rreġistrat fit-22 ta' Awwissu 1996;
- 708785 li ġie rreġistrat fit-22 ta' Awwissu 1996; u
- 711595 li ġie rreġistrat fit-3 ta' Jannar 1997, li huwa l-PE number mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi, Stefan Azzopardi, jirriżulta illi għas-snin 1998 sa 2005, is-soċjeta *Lapsi Holdings Limited* naqset li tottempera ruħha mar-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe'

li d-denunzji/formoli annwali (FS3 u FS7) ma ntbagħtux kollha lid-Dipartiment u lanqas ma sar il-ħlas kollu dovut ta' taxxa u bolla fir-rigward tat-tlett *PE numbers* aktar 'il fuq indikati. *Di fatti* Stefan Azzopardi kkonferma ukoll bil-ġurament li, għalkemm kien hemm ottemperenza mal-liġi fis-sens illi l-formoli relattivi llum huma kollha sottomessi lid-Dipartiment, madanakollu għad hemm ħlasijiet dovuti mill-istess soċjeta' ta' taxxa u bolla.

Illi l-akkuża addebitata lill-appellant hija imsejsa fuq r-reat imfassal fl-artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 li jiddisponi:

*(1)* **Meta xi persuna tħallas xi income taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(a)(b) jew(d) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jew xi income hekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt skond dan is-subartikolu jew skond kull disposizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi.**

*(2)* **Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġa skond is-subartikolu (1) għandha tintbagħat lil Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt.**

L-artikolu 4(a)(b) u (d) tal-Att dwar it-Taxxa li għalih issir referenza fis-subartikolu 1 għall-artikolu 23 jiddisponi kif ġej:

**4(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa fuq l-income għandha titħallas bir-rata jew rati speċifikati hawn taħt għas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 1993 iżda biss dwar qligħ kapitali li jkun sar fil-25 ta' Novembru 1992 jew wara u għal kull sena ta' stima sussegwenti fuq il-qligħ kapitali kif imfisser fl-artikolu 5 li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le, u għas-sena ta' stima li tibda mill-1 ta' Jannar 1949 u għal kull sena sussegwenti ta' stima fuq l-income ta' kull persuna li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le dwar –**

*(a)* **Qliegħ jew profitti minn xi sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni, ikun liema jkun il-perijodu ta' żmien li fiħ dik is-sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni jkunu nħadmu jew ġew eżerċitati, inkluż il-profitt li jkun hemm minn bejgħ minn xi persuna ta' xi propjeta akkwistata mnnha għall-iskop li tagħmel profitt b'mezz ta' bejgħ, jew mit-tmexxija ta' xi mpriża li tagħmel profitti jew mit-tħaddim ta' xi skema li jagħmel profitt;**

*(b)* **Qliegħ jew profitti minn xi impjieg jew kariga, magħdud il-valur ta' kull benefiċċju provdut bis-saħħa ta' xi mpjieg jew kariga; u –**

(i) **Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'regolamenti jippreskrivi ċ-ċirkostanzi li fihom persuna għandha titqies li tirċievi benefiċċju mingħand persuna oħra provdut bis-saħħa ta' impjieg jew kariga u l-valur ta' dak il-benefiċċju;**

(ii) **Meta skont l-imsemmija regolamenti persuna titqies li tkun qed tirċievi xi benefiċċju provdut bis-saħħa ta' impjieg jew kariga wara t-tmiem ta' dak l-impjieg jew dik il-kariga u dak il-benefiċċju jiġi provdut bħala pensjoni, il-valur stabbilit skond l-imsemmija regolamenti għandu jikkostitwixxi income taxxabbli skond il-paragrafu (d);**

(d) **Pensjoni charge jew somma fis-sena jew ħlas fis-sena.**

Finalment r-regolamenti 15, 20, 21(1) u 22(1) tal-avviż legali 88 tas-sena 1998 jirregolaw l-obbligi tal-'pagatur' definit f'dan l-avviż legali bħala *'kull persuna li tħallas l-emolumenti, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f'isem xi persuna oħra u tinkludi Dipartiment tal-Gvern, persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, Korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom'*.

Skond dawn id-disposizzjonijiet allura kull prinċipal li jħaddem persuna jew persuni irid jaċċerta ruħu li jibgħat dawn il-formoli fit-termini preskritt skont il-liġi bil-ħlasijiet rispettivi skond il-kalkoli magħmula, lid-dipartiment ikkonċernat. L-inadempjenza ma' dawn l-obbligi fiskali iwassal sabiex il-persuna responsabbli tirrendi ruħha ħajta ta' reat taħt dawn id-disposizzjonijiet kif ukoll taħt il-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mhux biss iżda din il-Legislazzjoni Sussidjarja tinneċessita ir-reġistrazzjoni mal-Kummissarju bħala "il-pagatur" li allura jassumi l-obbligi kollha għas-sottomissjoni tal-prospetti marbuta mal-*Final Settlement System* u il-ħlas relattiv tat-taxxa miġbura lill-Kummissarju.

Imbagħad ir-regolamenti 29 u 30 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 jiddisponu hekk:

> **"Meta zewg persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee ghall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li jew imposti fuqhom solidalment**

**Il-manager, ufficjal principali iehor jew stralcjarju ta' xi korp ta' persuni ikun personalment responsabbli ghal kull haga li tkun mehtiega li ssir taht dawn ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni."**

Dan ifisser illi minn qari tad-disposizzjonijet tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iċċitata, l-leġislatur ried igħabbi lid-direttur u l-*manager*, jew funzjonarji oħra ta' soċjeta kummercjali bir-responsabbilta' għal ħlas tal-erarju pubbliku, kif ukoll għall-obbligi l-oħra fiskali. Ġaldarba jirriżulta illi l-appellant kien wiehed mid-diretturi tas-soċjeta mertu tal-każ, kwindi ir-responsabbilta' penali kienet taqa' fuqu ukoll tant illi l-liġi tqiesu personalment responsabbli u *in solidum* mad-diretturi l-oħra għal ħlasijiet kollha dovuti lill-Kummissarju.

Illi dak kontestat mill-appellant, iżda, mhuwiex daqstant ir-responsabbilta' li hija imqiegħda fuq spallejh mill-liġi bħala uffiċjal tal-kumpanija, iżda jikkontendi illi huwa uża id-diliġenza kollha sabiex jara li n-nuqqasijiet fiskali jkunu rimedjati u dan anke b'sagrifiċju finanzjarju personali tiegħu meta d-diretturi l-oħra tas-soċjeta ħarbu mid-dmirijiet tagħhom. Ukoll jikkontendi illi huwa jinsab fl-impossibbilita' li jottempera ruħu mal-obbligi fiskali u dan għaliex għalkemm għamel dak kollu li kien fil-parametri tal-possibbli sabiex isolvi l-problema, xortawaħda llum huwa impossibbli għalih li jottempera ruħu mal-liġi.

Illi mid-dokumenti eżebiti in atti jirriżulta illi s-soċjeta *Lapsi Holdings Limited* kellha erba diretturi u ċioe' William Caruana, Charles Camilleri, Edward Ellul u l-appellant Raymond Demicoli. Jidher illi t-tmexxija tal-kumpanija kienet fdata fil-maġġior parti tagħha f'idejn William Caruana. Is-sehem tal-appellant fil-kumpanija kien ta' 10%. L-appellant irriżenja minn direttur fil-21 ta' Diċembru 2021. Illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant għaliex bħala direttur tal-kumpanija xortawaħda fuq spallejh kien hemm ir-responsabbilta' għal ħlasijiet fiskali u tal-erarju pubbliku, u ukoll għaliex huwa irriżenja minn direttur meta kien jaf li finanzjarjament il-kumpanija kienet fi stat prekarju u li kien hemm il-pendenzi mal-Kummissarju tat-Taxxi bit-tentattivi jsiru minnu in sewgitu għar-riżenja tiegħu sabiex iħallas dak dovut. Dan fil-fehma tal-Ewwel Qorti ma kellux jeżonerah mir-responsabbilta' penali.

Illi r-responsabbilta' penali tad-direttur temerġi mhux biss mill-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni[1], iżda ukoll mill-artikolu 136A tal-Kapitolu 386 (Att dwar il-Kumpanniji) li jghid hekk dwar ir-responsabbilta tad-direttur f'socjeta kummercjali:

**(1) Direttur ta' kumpannija jkun marbut li jaġixxi b'onesta' u bona fide fl-aħjar interessi tal-kumpannija.**

**(2) Id-diretturi ta' kumpannija għandhom jippromwovu il-benessere tal-kumpannija u jkunu responsabbli għal:**

**(a) It-tmexxija ġenerali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħha; u**
**(b) Is-sorveljanza ġenerali tal-affarijiet tagħha.**

*(3)* **B'mod partikolari, iżda bla ħsara għal kull dmir ieħor mogħti lid-diretturi ta' kumpannija, jew lil xi wieħed minnhom, bil-memorandum u l-Istatut ta' assoċazzjoni jew b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, id-diretturi ta' kumpannija:**

**(a) Ikunu obbligati li jeżerċitaw kura, diliġenza u ħila li jkunu eżerċitati minn persuna raġonevolment diliġenti li jkollha –**

**(i) Kemm it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkunu reġonevolment mistennija minn persuna li tkun qed taqdi l-istess funzjonijiet li jkunu moqdija jew fdati lil dak id-direttur dwar il-kumpannija;**
**(ii) Kif ukoll it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkollu d-direttur;**

**(b) M'għandhomx jagħmlu profitti sigrieti jew personali mill-pożizzjoni tagħhom mingħajr il-kunsens tal-kumpannija, lanqas ma jagħmlu gwadan personali minn informazzjoni konfidenzjali tal-kumpannija;**

**(c) Għandhom jassiguraw li l-interessi personali tagħhom ma jkunux f'konflitt mal-interessi tal-kumpannija;**

**(d) Ma għandhomx jużaw xi propjeta', informazzjoni jew opportunita' tal-kumpannija għall-benefiċċju tagħhom stess jew ta' xi ħadd ieħor, jew jieħdu xi benefiċċju b'xi mod ieħir b'konnessjoni mal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, ħlief bil-kunsens tal-kumpanija f'laqgħa**

---

[1] Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat ...

**ġenerali jew ħlief kif permess mill-memorandum u l-istatut tal-assoċazzjoni tal-kumpannija;**

(e) **Għandhom jeżerċitaw is-setgħat li għandhom għall-finijiet li jkunu ngħataw is-setgħat u m'għandhomx jużaw ħażin dawk is-setgħat.**

Ukoll b'referenza għad-disposizzjonijiet preliminari tal-istess Att, id-definizzjoni ta' direttur '*tinkludi kull persuna li jkollha l-kariga ta' direttur ta' kumpannija*[2]*, ikun x'ikun l-isem tagħha, li sostanzjalment taqdi l-istess funzjonijiet dwar it-tmexxija tal-kumpannija, bħal direttur*'.

Illi kwindi b'referenza għad-disposizzjonijiet ikkwotati hawn fuq huwa ċar illi l-funzjoni ta' direttur huwa vast u ġeneriku ħafna u allura l-ebda direttur ma jista' juża r-responsabbiltajiet tiegħu fl-amministrazzjoni "interna" tal-kumpanija u li jkun jirrapreżenta sabiex jiskolpa lilu nnifsu min-nuqqas ta' osservanza tad-doveri u tal-obbligi tiegħu skond il-liġijiet fiskali. Dan jidher li huwa wkoll l-ispirtu tal-artikolu 13 meta jixħet fuq kull direttur (mingħajr l-ebda speċifikazzjoni tal-funzjonijiet li jaqdu jew li qdew fil-kumpanija li tkun) ir-responsabbilta' kriminali meta jiġu kommessi reati mill-kumpanija.

Illi l-appellant, madanakollu, f'dan il-każ, ma jipprovax jiskolpa lilu nnifsu billi igħid illi ma kenitx f'idejh it-tmexxija tal-kumpanija. Anzi mid-dokumenti minnu sottomessi jidher illi kienu jsiru laqgħat regolari bejn id-diretturi sabiex ikunu a konoxxenza ta' dak li kien qed iseħħ fit-tmexxija tal-kumpanija mid-direttur Caruana. Issa, għalkemm l-imputazzjoni tirreferi għas-snin bejn 1998 sal-2005, billi kif ingħad l-appellant irrizenja mill-kariga ta' direttur fis-sena 2001, allura huwa jista' jkun misjub responsabbli biss għas-snin bejn l-1998 u is-sena 2001. Illi fix-xiehda tiegħu quddiem din il-Qorti l-appellant jispjega r-raġuni li wasslitu għar-riżenja tiegħu mill-kariga ta' direttur. Igħid hekk:

> **"Wasalt għal nirrizenja għax fin-'99 kienet saret meeting u ġie annunzjat minn Willy Caruana li kien il-majority shareholder u kien il-head tal-grupp, li għal xi zmien ma kienux qed iħallsu l-NI's". ... Imbagħad fil-meeting tat-2000 kienet saret meeting oħra fejn ppromettew min kien qed imexxi li dawn**

[2] Emfażi tal-Qorti.

> **ħa jibdew jitħallsu u fil-fatt dik is-sena kien hemm surplus niftakar ta' xi 300,000 Maltin dak iż-żmien. .... Imbagħad fil-meeting ta' wara annunzja li mhux ħa jħallas."**

Jidher illi dan id-direttur, u ċioe' William Caruana, li kien *majority shareholder*, beda jirrifjuta li jħallas dak dovut lil Kummissarju tat-Taxxi, bl-appellant jikkontendi illi għalkemm huwa beda jipprotesta għal dan in-nuqqas, madanakollu ma seta' jagħmel xejn u għalhekk l-uniku triq li kellu kien li jirriżenja mill-kariga ta' direttur, u dan fuq parir li fittex minn għand avukat. Jidher illi għalkemm l-appellant irriżenja minn din il-kariga xortawaħda baqa' jistinka sabiex jara li jitħallas l-erarju dovut, u jidher illi għalkemm it-tlett diretturi l-oħra abdikaw mid-doveri tagħhom, b'wieħed minnhom jmut fil-frattemp, l-appellant xortawaħda baqa' f'kuntatt mad-Dipartiment tat-Taxxi sabiex jipprova isolvi din il-materja, u dan għas-snin fejn huwa jidher bħala direttur. Jikkontendi illi f'xi żmien kien hemm anke il-possibbilita' li l-lukanda tinbiegħ, iżda kien hemm oppożizzjoni minn Caruana u allura il-bejgħ ma seħħx. Mhux biss iżda jgħid li ħa self personali f'ismu u f'isem martu ta' €400,000 sabiex iħallas il-garanziji personali minnu assunti fil-kumpanija ma' bank ieħor. Illi xiehda ta' dak li jikkontendi l-appellant hemm diversi dokumenti eżebiti in atti li jikkonfermaw l-isforzi li huwa għamel sabiex jottempera ruħu mal-obbligi fiskali tal-kumpanija, b'mod speċjali wara ż-żmien li huwa irriżenja mill-kariga ta' direttur[3]. Jisħaq ukoll illi f'xi żmien wieħed mid-diretturi, u ċioe' Edward Ellul, innota illi iż-żewġ diretturi l-oħra Caruana u Camilleri kienu qed jappropriaw rwieħhom minn flejjes tal-kumpanija u saħansitra kien bgħatilhom ittra b'avukat iheddidhom bi proċeduri legali. Partikolarment fid-Dokument R eżebit a fol.204, l-appellant f'ittra datata 9 ta' Jannar 2001, u ċioe' qabel ir-riżenja tiegħu minn direttur, jinterpella lild-direttur William Caruana sabiex iħallas il-bolla u t-taxxa fuq il-valur miżjud li kienet dovuta u jgħidlu illi kien miftiehem fil-laqgħa li kien hemm preċedentement illi "*we also said that paying NI and VAT is a priority*". L-istess f'ittra oħra datata 29 ta' Awwissu 2002, u allura wara r-riżenja tiegħu igħidlu: "*In the circumstances when there are clouds looming from both sides of the horizon, as group leader, you have to first protect the collective personal. I think the first available funds should go towards the setting of old VAT and NI. I feel that this should be prioritised.*" Jidher

[3] Ara Dokumenti A sa Y eżebiti a fols. 185 sa 221 tal-atti

illi billi t-tmexxija tal-kumpanija kienet f'idejn Caruana li kellu l-maġġoranza tal-ishma, l-appellant ftit li xejn kien fis-setgħa tiegħu li jagħmel ħlief li jinsisti u jippersisti ma'l-imsemmi Caruana, ħaġa li jidher illi għamel, tant illi fl-aħħar ta' din l-ittra jispiċċa iwissieh illi "*If you choose to direct surplus funds else where, you do not have my backing.*" Fil-fatt minn dawn il-fondi Caruana baqa' ma ħallasx dak lil kien dovut lill-erarju u l-appellant spiċċa rriżenja minn direttur. Wara dan l-appellant igħid li kompla jirsisti biex tinbiegħ il-lukanda u kienu bl-isforzi tiegħu illi fil-fatt dan seħħ snin wara, iżda l-Kummissarju tat-Taxxa infurmah illi ma setgħux jinġabru l-arretrati dovuti minn dawn il-fondi billi l-lukanda kienet tappartjeni lil soċjeta kummerċjali oħra.

Illi minn din l-evidenza jemerġi illi sa mis-sena 1999 l-appellant, *ex admissis*, kien konsapevoli tan-nuqqasijiet li kellha s-soċjeta', li tagħha kien direttur, fil-konfornt tal-erarju pubbliku. *Inoltre*, kif jirriżulta mill-*Form K*'s datati 17 ta' Marzu 2006, liema *Form K*'s jiffurmaw parti mill-*Memorandum & Articles of Association* tal-istess soċjeta', l-appellant irriżenja minn direttur tal-istess soċjeta' fil-21 ta' Diċembru 2001, u ċioe' kwazi sentejn wara l-*meeting* li semma' fix-xhieda tiegħu. F'dawn is-sentejn jidher illi huwa pprova kemm il-darba jinsisti ma' William Caruana, li kien imexxi l-kumpanija, sabiex jara illi it-taxxa dovuta u l-bolla titħallas mis-*surplus* tal-flus li kienu daħħlu fil-kotba tal-kumpanija. Skopra iżda li dan ma għamlux u kien għalhekk li għażel li jirriżenja. Madanakollu, kif ingħad, huwa xortawaħda baqa' jirsisti sabiex ikun hemm ottemperanza ma'l-obbligi fiskali, tant illi għalkemm is-soċjeta kellha erba' diretturi, kien hu biss illi baqa' f'kuntatt mad-Dipartiment tat-Taxxa sabiex jipprova jegħleb dawn il-problemi fiskali, b'direttur wieħed jitlaq igħix barra minn Malta, ieħor imut fil-mori tal-proċeduri u William Carauna, id-direttur li kien għamel il-bsaten kollha fir-roti tat-tmexxija tas-soċjeta, għalkemm ikkundannat b'sentenza tal-Qorti, xortawaħda jidher illi ma saldax dan id-dejn mal-erarju.

Illi fil-fatt fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant irnexxielu jara li l-formoli kollha jkunu sottomessi għal dawk is-snin li huwa kien responsabbli u ċioe' il-Formoli FS3 u FS7, u anke għamel xi pagamenti. Dan magħdud, madanakollu xortawaħda għad fadal li jsir l-ħlas tal-arretrati ta' taxxa u bolla u dan kif jirriżulta mix-xiehda ta' Stefan Azopardi li xehed għan-nom tal-Kummissarju.

Illi f'dan il-kwadru probatorju, għalhekk, din il-Qorti, ma tistax taqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti illi l-appellant naqas milli jeżerċita d-diliġenza minnu mistennija, u dan għaliex għalkemm kien konxju tan-nuqqasijiet fiskali tas-soċjeta fil-konfront tal-erarju, sa mis-sena 1999 huwa kien jinsisti mad-direttur Caruana sabiex din il-problema tkun indirizzata u għalkemm l-imsemmi Caruana kien wiegħed li ser iħallas dak dovut mill-fondi li kellha il-kumpanija f'idejha, huwa approprja ruħu minn dawn il-flejjes u ma għamilx il-ħlas kif kien wiegħed. Ciononostante', l-appellant xortawaħda baqa' jirsisti u jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex jinkisbu il-fondi biex isir il-ħlas dovut, u anke b'sagrifiċċji finanzjarji personali, għalkemm f'dan l-eżerċizzju huwa ma sabx il-koperazzjoni tad-diretturi l-oħra. Il-Qorti ma tarax illi l-appellant seta' jagħmel iktar minn dak li ipprova jagħmel sabiex isalva vapur li kien qed jegħreq b'tortijiet finalment li ma kenux imputabbli lilu.

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi tapplika favur l-appellant l-iskriminanti li titkellem dwarha il-liġi, u dan għaliex ukoll huwa dejjem mexa skont dak maħsub fl-artikolu 136A tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.

**Edwina Grima**

**Imħallef**